KULLEĠĠ SANTA TEREŻA – SKOLA SEKONDARJA - MRIEĦEL
NOTA LILL-ISTUDENTI – EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – FRAR 2019
**Form 3, 4 u 5**

1. Bħalma tafu l-użu t'affarijiet elettroniċi huwa pprojbit (ħlief *calculators* waqt suġġetti li jippermettuhom) fl-iskola.
   L-għalliema għandhom ordni jiġbru l-karta tal-eżami jekk xi student/a jikser/tikser ir-regoli tal-iskola.

2. Ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat anke jekk l-istudent/a jfalli/tfalli eżami wieħed. Dan għandu jingħata lis-segretarji BISS u fuqu għandha tiġi mniżżla l-klassi (e.ż. 9.1).

3. Ikkupjar waqt l-eżamijiet mhux permess (proċedura bħal Numru 1). Evita l-użu ta' tipex.

4. L-istudenti huma mħeġġa li jmorru jużaw il-kamra tal-banju qabel jibda l-eżami. Permess biex toħroġ barra mill-klassi waqt eżami jingħata biss f'każi speċjali.

5. L-istudenti li jkunu se jitilqu d-dar wara l-ewwel eżami jridu jġibu magħhom il-pass tal-eżamijiet iffirmat mill-ġenituri/gwarjani.

6. **L-istudenti għandhom jiċċekkjaw il-klassi li fiha jkunu jridu jmorru għal kull eżami.**

7. L-istudenti għandhom jiċċekkjaw għal xi tibdil fl-allokazzjoni tal-klassijiet minn fuq in-notice-boards li hemm fil-Foyer. Għandhom jiċċekkjaw is-suġġetti **kollha** (inkluż l-Options u l-lingwi). Ftakru t-tifsiriet: (**T =** Top Fl., **M =** Middle Fl.,**G =** Ground Fl. fil-**Main Blk.**)

8. Xi noti u/jew kotba għandhom jitħallew fejn il-mejda tal-għalliem/a.

9. Fiż-żmien tal-eżamijiet **ma jkunx hemm assemblies**.

10. **It-trasport waqt it-tluq ser ikun provdut hekk:**

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 12 ta' Frar 2019 | Trasport fis-12.45 |
| L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 | Trasport fil-10.45 |
| Il-Ħamis 14 ta' Frar 2019 | Trasport fis-12.45 |
| Il-Ġimgħa 15 ta' Frar 2019 | Trasport fis-12.45 |
| It-Tnejn 18 ta' Frar 2019 | Trasport fl-10.30 |
| It-Tlieta 19 ta' Frar 2019 | Trasport fl-10.30 |
| L-Erbgħa 20 ta' Frar 2019 | Trasport fil-10.45 |
| Il-Ħamis 21 ta' Frar 2019 | M'hemmx transport (waqt it-tluq ) |
| Il-Ġimgħa 22 ta' Frar 2019 * | M'hemmx transport ( sew filgħodu u anke waqt it-tluq ) |
| It-Tnejn 25 ta' Frar 2019 * | M'hemmx transport ( sew filgħodu u anke waqt it-tluq ) |
| It-Tlieta 26 ta' Frar 2019 * | M'hemmx transport ( sew filgħodu u anke waqt it-tluq ) |

* **It-trasport filgħodu ser ikun provdut kuljum, minbarra fit-** 22, 25 u 26 ta' Frar 2019, kif indikat fit-tabella hawn fuq.

12. Il-puntwalità waqt l-eżamijiet hija importanti ħafna. Il-qanpiena ddoqq 5 minuti qabel kull eżami.

13. Anke jekk jispiċċaw kmieni, l-istudenti għandhom jibqgħu fil-klassi sal-aħħar tal-eżami.

14. Meta ma jkollhomx eżami, l-istudenti għandhom jistennew fid-*Dining Area*, fil-kwiet, fejn ser ikun hemm is-superviżjoni.

15. Waqt l-eżamijiet l-istudenti għandhom jibqgħu jimxu mar-regoli tal-iskola rigward uniformi, aċċessorji, etc.

16. L-istudenti għandhom jaqraw tajjeb it-timetable, speċjalment il-ħin allokat għal kull eżami– Mhux l-eżamijiet kollha għandhom l-istess ħin.

# Good Luck!

Is-Sur J. Attard
Kap tal-Iskola